# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 29/97

Victoria Caruana

vs

Direttur tal-Edukazzjoni

Illum 7 ta' Marzu, 2001.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrenti wara li ippremettiet illi hi kienet impjegata bhala full-time temporary teacher of dress cutting fis-16 ta' Settembru 1963 u dan wara ezami estern kompettitiv. Dan l-impjieg ma kienx wiehed pensjonabbli.

Illi fl-1974 il-post tar-rikorrenti gie rez pensjonabbli wara interventi mill-Union taghha izda ciononostante ghalkemm kien gia kellha diversi snin servizz hi nghatat l-istatus ta' Instructress Grade 1.

Illi fl-1982 ir-rikorrenti segwiet kors universitarju li wassal biex otteniet Diploma fit-taghlima tal-N'Craft. Wara dan giet promossa ghall-Instructress Grade 3 f'liema grad baqghat sakemm irtirat bl-eta' mis-servizz.

Illi ir-rikorrenti kien jisthoqqilha tigi elevata ghall-post ta' Head u/jew ta' Assistant Head fit-Trade schools izda giet maqbuza minn bosta ohrajn anqas kwalifikati minnha u dan fil-perjodu 1987- 1995.

Illi konsegwentement ir-rikorrenti sofriet ingustizzja meta giet eskluza mill-promozzjonijiet li nghataw f'dan il-perjodu u dan bi pregudizzju serju ghaliha nonostante li kellha l-kwalifiki kollha necessarji.

Illi ir-rikorrenti kienet bi hsibha tadduci in sostenn tal-ilment gustifikat taghha x-xhieda dettaljati fl-elenku anness.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbet lit-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment ai termini tal-Att Numru VIII tal-1997 u li tinghata rimedju billi jigi ordnat illi hija tinghata d-differenza fis-salarju konfacjenti ghall-post ta' Head u/jew Assistant Head u fil-kaz li dan ir-rimedju ma jkunx possibbli li jsir, li jigi ordnat li tithallas kumpens sal-massimu stabbilit fl-Artikolu 7 (9) (d) tal-precitat att.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrenti.

Ra r-risposta ta' l-intimat li eccepixxa:

Illi Ms. Victoria Caruana resqet quddiem l-Ombudsman ilment simili ghar-rikors imressaq quddiem l-Onorabbli Tribunal u l-Ombudsman irrefera l-kaz lis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani (d-dokument A mehmuz).

Is-Sur Joseph Curmi Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani wiegeb lill-Ombudsman (ara dokument B mehmuz: u mit-twegiba tieghu johorgu dawn il-punti:

a. Mill-1982 'l hawn kien hemm biss zewg okkazzjonijiet li fihom gew appuntati Assistenti Kapijiet ta' Skejjel tas-Snajja.

b. Wara l-ftehim ta' l-1981 bejn il-Gvern u l-Unions kien hemm numru ta' vakanzi ta' Assistenti Kapijiet (Kap ta' Dipartiment) f'diversi snajja. Fit-2 ta' Jannar 1984 harget sejha ghall-applikazzjonijiet biex jimtlew dawn il-vakanzi li fosthom kien hemm is-senghat 'Tailoring and Allied Trades" ( Dok C mehmuz). L-ghazla kella ssir fuq bazi ta' mertu u efficjenza. Ms. Victoria Caruana applikat izda l-Bord tal-Ghazla sabha ineligibbli in terminu tal-klawsola 6 (a,b,c,) tas-sejha ghall-applikazzjonijiet (dok D mehmuz). F'din is-sejha ghall-applikazzjoni gie maghzul is-Sur George Terribile li kien anzjan fil-grad ta' Instructor lll aktar minn Ms Caruana (dok E u F mehmuzin).

c. Sejha ohra saret fit-2 ta' Marzu 1987 biex jimtlew vakanzi fil-grad ta' Assistenti Kapijiet ta' skejjel tas-Snajja (Amministrazzjoni) (dok G mehmuz). Ms Caruana, li kienet fost is-67 applikant ghal dawn il-postijiet gabet 36 marka minn 100 u giet fis-60 post (dok H mehmuz). Minn din is-sejha ghall-applikazzjonijiet gew appuntati l-ewwel sitta u fis-sena li fih ir-rizultat kien validu gew appuntati tlieta ohra.

Mis-17 ta' Lulju 1989 sal-lum ma gewx appuntati aktar Assistenti Kapijiet ta' Skejjel tas-Snajja.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal ghandu jichad it-talbiet tar-rikorrent bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi fl-24 ta' Lulju 1997 Dr Quintano ghall-intimat stqarr li r-riferenza ghall-Ombudsman kienet informazzjoni u mhux eccezzjoni.

Xehdet Miram Dowling principal mad-Dipartiment ta` l-Edukazzjoni. Semmiet li r-rikorrenti saret instructress 1 fl-1974, instructress 2 fl-1975 u instructress 3 fl-1982. Wara instructress 3 jigi r-rank ta` assistant head of school u head of school, f` dan il-kaz dejjem trade school. Fit-2 ta` Jannar, 1984 kienet harget call ghal assistant head ta` trade shcool u kienet applikat ghalih Victoria Caruana pero` kienet instabet ineligible. Kienet harget call ohra f` Marzu tal-1987. Giet placed 60th u gabet 36 out of 100. Pero` bhala senority ma kienx hemm marki hlief ghall-fatt li jekk tnejn igibu l-istess marki, is-senority tapplika bejn min kien f` dak il-grad l-ewwel.

David Degabriele senior principal inkarigat mill-Human Resources mal-Edukazzjoni ikkonferma li fit-2 ta` Marzu, 1987 kienet harget call for application ghal Assistant Head of trade school administration. Esebixxa wkoll rapport tal-bord datat 8 ta` Marzu, 1988. Minnu jirrizulta li l-interviews kienu saru bejn il-25 ta` Jannar 1988 u t-2 ta` Frar 1988. Vacancies kien hemm ghal sitt postijiet. Fir-rapport hemm l-order of merit bil-marki li gabu l-applikanti.

Fil-fatt kienet giet is-60 u kienet gabet 36 marka minn mija. Ir-rikorrenti kienet ghamlet bejn l-1963 u l-1983 tahdem go skejjel primarji u sekondarji varji kif ukoll kienet hadmet ukoll go special school. Inoltre mill-1983 'il quddiem kienet hadmet fi trade school u hemmhekk l-aktar li hadmet kienet fuq

embroidery, knitting, crochure u dawn l-affarijiet. Anke jidher li hadmet fi dressmaking u din il-linja anke bejn l-1963 u l-1983.

Dwar il-marki li gabet u l-allotment tal-marki li kellhom ghandi nghid li fil-fatt dwar qualifications kienet gew allotted 25 marka li minnhom ir-rikorrenti gabet 5. Dwar siutability kien hemm 40 marka li minnhom ir-rikrorenti gabet 5 marki. Dwar experience kienu allotted 25 marka li minnhom gabet 23 u dwar courses li bniedem kien ghamel kienu allotted 10 li minnhom gabet 3 marki u ghalhekk total ta` 36.

Dwar seniority ghandi nghid li fil-fatt dina giet meqjusa fil-kamp ta` experience fis-sens li kienu gew allotted marka ghal kull sena ta` xoghol sa massimu ta` 20 sena kif ukoll imbaghad ghal industrial experience punt ghal kull sena sa massimu ta` 5.

Fil-fatt lehqu l-ewwel sitta mnizzlin fuq il-lista skond l-order of merit. Fl-ewwel sena gew appuntati sitt assistant heads u imbaghad wara gew it-tlieta li jmiss appuntati s-sena ta` wara u ghalhekk b` kollox gew appuntati 9. Assistant head tat-tailoring school gie appuntat Joseph Degiovanni li kien gie t-tieni wiehed. Il-post kien assistant head administration.

Joseph Curmi ikkonferma l-kontenut tal-ittra a fol 7 et tal-process.

Ikkunsidra li hemm ir-rizultat ezibit li juri l-marki li inghataw l-applikanti. Kien jinkombi fuq ir-rikorrenti jew li tipprova li l-

allokazzjoni tal-marki kif saret kienet ingusta, jew li meta l-Bord ta il-marki lill-applikanti ikkommetta xi ingustizzja. Dwar l-allokazzjoni ingusta tal-marki din ma irrizultatx ghalkemm Courses u Qualifications huma vicini hafna b'mod li ghalhekk flimkien dawn kellhom 35% tal-marki. Ir-rikorrenti irriferit ghal Joseph Degiovanni u wiehed jinnota li dan gab 31 marki hawn waqt li hi gabet 8 fuq Courses u Qualifications. F'experience hi gabet 23 waqt li hu gab 18. F'Suitability hu ottjena 34 minn 40 marka waqt li hi 5. Biex dan it-Tribunal ikun jista' jasal li jqis li saret ingustizzja irid jigi ppruvat li per ezempju hi kellha aktar snin ta' esperjenza u inghataw aktar marki lil persuna ohra, jew li kellha aktar kwalifiki u inghataw aktar marki lil persuna ohra. Izda f'dan il-kaz ir-rikorrenti ma ppruvatx dan. Jinghad li d-differenza tal-marki u tal-klassifika finali hi qawwija wkoll ghax ir-rikorrenti gabet biss 36 marka u giet klassifikata fis-60 post meta saru 6 originarjament u 3 ohra wara. Dan it-Tribunal ma jsibx li hi giet trattata hazin ghal xi raguni specjali. Hawn mhux il-kaz li qedghin f'xi border line position u wiehed irid jezamina sa lanqas dettal ghax id-differenza hija notevoli. L-uniku fattur favur ir-rikorrenti huwa s-snin ta' servizz tar-rikorrenti u dan ser jitqies meta t-Tribunal iqis il-kap tal-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi, jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.